MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tas-26 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 1231/2011

**Av. Antoine Camilleri bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rappresentanza taz-zewg socjetajiet esteri adidas International Marketing B.V. u adidas AG**

**vs**

**Dr. Henry Antoncich u P.L. Katrina Zammit Cuomo gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta' Al Khat Al Azraq Shipping Benghazi Libya b'digriet tat-23 ta' Jannar 2012**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tal-14 ta' Dicembru 2011 li jghid hekk

1. Illi l-ewwel socjeta rikorrenti adidas International Marketing B.V., ta' Koningin Wilhelminaplein 30, 1062 KR Amsterdam hija proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-

markju “Three Stripes Device” liema markju huwa uzat fuq diversi prodotti bhal kosmetici, fwejjah, arloggi, abbiljamenti tal-hwejjeg, zraben sportivi, loghob u bosta affarijiet ohra, u dan skond kif jidher fuq id-Dokument “A”;

2. Illi dina l-ewwel socjeta rikorrenti hija detentrici tad-dritt ta’ proprjeta industrijali tal-istess markju “Three Stripes Device” skond il-provvedimenti Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta [Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)], minhabba l-fatt illi s-socjeta’ rikorrenti rregistrat l-imsemmija markju “Three Stripes Device” bhala *Trademark* Komunitarja mal-’Office for Harmonization in the Internal Market’ tal-Unjoni Ewropeja (ibbazat f’Alicante, Spanja) taht Numru 005271572 (kif muri f’Dok. “A”);

3. Illi t-tieni socjeta rikorrenti adidas AG, ta’ Adi-Dassler-Str. 1-2, 91074 Herzogenaurach, tal-Germanja hija proprjetarja ta’ diversi markji, fosthom il-markju distintiv maghruf bhala “adidas” liema markju huwa fuq diversi prodotti bhal kosmetici, fwejjah, arloggi, abbiljamenti tal-hwejjeg, zraben sportivi, loghob u bosta affarijiet ohra, u dan skond kif jidher fuq id-Dokumenti “B” u “C”;

4. Illi dina t-tieni socjeta’ rikorrenti hija detentrici tad-dritt ta’ proprjeta industrijali tal-istess markju distintiv “adidas” fil-komplessita’ tieghu irregistrat fir-Registru tal-Markji f’Malta taht *Trademark No.* 17413 (kif muri f’Dok. “B”), kif ukoll minhabba l-fatt illi dina t-tieni socjeta’ rikorrenti rregistrat l-imsemmija markju “adidas” bhala *Trademark* Komunitarja mal-’Office for Harmonization in the Internal Market’ tal-Unjoni Ewropeja (ibbazat f’Alicante, Spanja) taht Numru 005271580 (kif muri f’Dok. “C”);

5. Illi jirrizulta illi fit-23 ta’ Ottubru 2011 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur “HADIS”, u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta’ *deodorant aerosol cans* li jgibu l-markji “Three Stripes Device” u “adidas” fuq imsemmi liema konsenja tikkonsisti fi tlett elef, tmien mija u erbghin (3,840) *deodorant aerosol cans*, b’Container Numru IRSU2268139 u li ma humiex genwini, u dan bi

ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta [Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)];

6. Illi mill-Polza ta' Kargu Numru FMC0036WGLS0578 jirrizulta li l-konsenjatarji tad-*deodorant aerosol cans* in kwistjoni huma ndikati bhala Al Khat Al Azraq Shipping Benghazi Libya, mentri jirrizulta li d-dettalji tax-*Shipper* huma indikati bhala Blue Line Shipping Dubai UAE;

7. Illi d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' oggetti li jikkontravvjenu dritt dwar il-proprjeta intellettwali huwa projibit skond l-artikolu 4 tal-istess Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Illi dawn id-*deodorant aerosol cans* in kwistjoni jikkontravvjenu id-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali taz-zewg socjetajiet rikorrenti skond l-artikolu 2(1)(a) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan kollu kif ben spjegat mill-analizi li ghamel rapprezentant tas-socjeta' estera rikorrenti adidas International Marketing B.V. (ara rapport tal-analizi mmarkat bhala Dok. "D") ghas-socjetajiet rikorrenti;

9. Illi din il-konsenja ta' *deodorant aerosol cans* bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta, wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlu is-socjetajiet rikorrenti lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista' jiddeciedi dwar dan il-kaz (ara kopja tal-applikazzjoni mmarkata bhala Dok. "E");

10. Illi huwa principju ben stabbilit fit-Trattat tal-Komunita Ewropeja u fil-kazistika tal-'European Court of Justice' illi r-Regolamenti mahruga mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ghandhom effett dirett gewwa l-pajjizi Membri tal-Unjoni Ewropeja u ghaldaqstant il-provvedimenti legali tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 207/2009 tas-26 ta' Frar 2009 fuq it-*Trademark* Komunitarja ghandhom jigu

invokati direttament mill-Qrati Maltin fil-kwistjonijiet u l-kawzi li jkunu qed jigu trattati quddiemhom;

11. Illi l-artikolu 9 tal-Avviz Legali Numru 233 tal-2003 intitolat “Regoli ta’ l-2003 dwar it-*Trademark* Komunitarja” jistipula illi l-Qrati Maltin li jistghu jittrattaw dwar *Trademarks* Komunitarji huma l-Prim’Awla tal-Qorti Civili u l-Qorti tal-Appell;

12. Illi l-Avukat Dr. Antoine Camilleri noe jiddikjara illi l-fatti suesposti jafhom in parti personalment u in parti minn informazzjoni li nghatatlu mill-Kontrollur tad-Dwana u mill-mandanti tieghu;

Ghaldaqstant, ir-rikorrent nomine jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Fil-konfront taz-zewg socjetajiet rikorrenti, tiddikjara u tiddeciedi illi d-*deodorant aerosol cans* in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlu s-socjetajiet rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati skond l-artikolu 2(1)(a) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Fil-konfront tal-ewwel socjeta rikorrenti, jigifieri adidas International Marketing B.V., tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja ta’ *deodorant aerosol cans* li tikkonsisti fi tlett elef, tmien mija u erbghin (3,840) *deodorant aerosol cans*, b’Container Numru IRSU2268139, da parti tas-socjeta intimata li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlu s-socjetajiet rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta’ proprjeta intellettwali ta’ dina s-socjeta’ rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini, skond l-artikolu 2(1)(a) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tar-registrazzjoni tat-*Trademark* Komunitarja Numru 005271572, irregistrat f’isem is-socjeta rikorrenti (dan kollu skond il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 207/2009 tas-26 ta’

Frar 2009 fuq it-*Trademark* Komunitarja (tal-Unjoni Ewropeja);

3. Fil-konfront tat-tieni socjeta rikorrenti, jigifieri adidas AG, tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' *deodorant aerosol cans* li tikkonsisti fi tlett elef, tmien mija u erbghin (3,840) *deodorant aerosol cans*, b'Container Numru IRSU2268139, da parti tas-socjeta intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlu is-socjetajiet rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta' rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini, skond l-artikolu 2(1)(a) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tar-registrazzjoni tat-*Trademark* Numru 17413 u fil-konfront tat-*Trademark* Komunitarja Numru 005271580, dan tal-ahhar irregistrat f'isem is-socjeta rikorrenti skond il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 207/2009 tas-26 ta' Frar 2009 fuq it-*Trademark* Komunitarja (tal-Unjoni Ewropeja);

4. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-socjetajiet rikorrenti a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu *deodorant aerosol cans* in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjeta intimata, skond l-artikolu 8 tal-Kap. 414;

5. Tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-konfront tas-socjetajiet rikorrenti;

6. Tordna lis-socjeta intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tad-*deodorant aerosol cans* in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta intimata li minn issa huma ngunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti li huma esebiti u mmarkati minn Dok. A sa Dok. J;

Rat id-digriet tat-23 ta' Jannar 2012 fejn gew nominati l-kuraturi deputati ndikati sabiex jidhru ghall-entita intimata;

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati tal-14 ta' Marzu 2012 fejn ecceppew:

1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti li taw lok ghal dina l-kawza u ghalhekk jirriservaw ir-rispota ulterjuri taghhom meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-assenti minnhom rapprezentata;

Rat il-lista tax-xhieda tal-istess kuraturi deputati;

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-28 ta' Marzu 2012 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Antoine Camilleri nomine li ddikjara li m'ghandux aktar provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett d'ostakolo ghas-26 ta' April 2012;

Rat ix-xhieda kollha prodotta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li s-socjetajiet attrici huma proprjetarji fost ohrajn tal-markji distintivi maghrufa bhala "three stripes device" u "adidas", liema markji huma uzati minn dawn is-socjetajiet fuq diversi prodotti bhal kosmetici, fwejjah, arloggi, abbiljamenti tal-hwejjeg, zraben sportivi, loghob u bosta affarijiet ohra, u dan skond kif jidher fuq id-Dokumenti A sa C, liema markji huma registrati fir-Registru tal-Markji f'Malta taht Trademark numru 17413 u Trademarks Komunitarji numri 005271572 u 005271580.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li f'*container* Numru IRSU2268139 li kien inhatt fil-port hieles ta' Marsaxlokk minn fuq il-vapur HADIS li kien diehel Malta fit-23 ta' Ottubru 2011 l-Ufficjali tad-Dwana sabu konsenja ta' deodorant aerosol cans li jgibu l-markji distintivi tas-socjetajiet rikorrenti liema konsenja tikkonsisti f'tlett elef tmien mija u erbghin (3,840) deodorant aerosol cans u li kien hemm suspett li ma humiex genwini u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-artikou 4 tal-Kap. 414, u minn ezamijiet li saru sussegwentement fuq l-istess oggetti, instab li dawn kienu kontrafatti. Dan kollu jirrizulta mir-rapport datat 29 ta' Novembru 2011 (Dok. D a fol. 16) maghmul minn T.G.J. Behean, Associate General Counsel tas-socjeta rikorrenti.

Illi allura jirrizulta li kien hemm ksur tal-artikoli appositi tal-Kap. 414, u s-socjetajiet attrici inizjaw dawn l-opportuni proceduri gudizzjarji skond il-ligi, u fit-terminu indikat.

Peress li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici jidhru li gew kollha konfermati permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat u atti ohra prezentati fl-atti tal-kawza li jinkludi l-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana George Agius Dok. GA1 a fol. 129 li kkonferma li l-istess oggetti hawn indikati ghadhom qed jinzammu fl-imhazen tad-Dwana, u tar-rapport ta' T.G.J. Behean li kkonferma li mill-ezamijiet li saru fuq l-istess merkanzija mertu tal-kawza odjerna kienet fil-fatt kontrafatta.

Illi l-ispejjez kollha nkluzi sabiex issir id-distruzzjoni tal-istess oggetti hija elenkata fl-affidavit ta' George Agius Dok. GA1 a fol. 129. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif gej:

**Konkluzzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi t-tlett elef tmien mija u erbghin (3,840) deodorant aerosol cans in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlu s-

socjetajiet rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati (skond l-artikolu 2(1)(a) tal-Kap. 414;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja ta’ tlett elef tmien mija u erbghin (3,840) deodorant aerosol cans b’Container Numru IRSU2268139 da parti tas-socjeta intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlu s-socjetajiet rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta’ proprjeta intellettwali tas-socjeta rikorrenti nkwantu li ma humiex genwini, skond l-artikolu 2(1)(a) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tat-Trademarks registrati f’isem is-socjetajiet rikorrenti u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjetajiet rikorrenti ghandhom fuq ix-xoghol artistiku taghhom “three stripes device” u “adidas”;

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ disghin (90) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jiddistruggi deodorant aerosol cans in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u a spejjez tas-socjeta intimata, skond l-artikolu 8 tal-Kap. 414;

4. Tordna lis-socjeta intimata thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni ta’ deodorant aerosol cans in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-Ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-Kap. 414 kif jirrizulta mill-affidavit ta’ George Agius Dok. GA1 a fol. 129 datat 26 ta’ Marzu 2012;

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba billi ma hemmx bzonnha;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta/entita konvenuta b’dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------